tal-Kittieba għall-ġid tal-Ilsien Malti u għall-ġid tal-ħaddiema.

* * *

Il-ħruġ tar-rivista tal-Għaqda "Il-Malti" baqa' miexi, ma waqaf qatt, dejjem ixerred id-dawl tat-tagħlim tiegħu fost iż-żgħażagħ u jnissel fihom l-imħabba lejn Ilsienna li ma tinqeredx la biż-żmien u lanqas bil-kliem qarrieqi ta' min jobgħodna. Baqa' miexi, imma ftit u ftit wisq jafu liema taħbit u nkwiet stajna ltqajna miegħu biex issoktajna fid-dmir tagħna li nibqgħu noħorġu din ir-rivista. Fiż-żmenijiet imwiegħra li għaddejjin minnhom meta l-għadu bil-bumbardamenti tiegħu bla ħniena fixkel għall-ewwel xi ftit il-ħajja maltija, kienet tidher kważi ħaġa impossibbli li Għaqda letterarja qatt setgħet tibqa' toħroġ rivista letterarja. Imma min ma jafx bi qtigħ il-qalb l-aktar li jaħdem fuq dak li jidher impossibbli. Dak li ħafna kienu jaħsbu li ma setax ikompli jsir, aħna, b'fehma sħiħa u b'rieda li ma tafx tagħwiġ mis-sewwa, komplejna nwettquh u nkomplu, bil-għajnuna t'Alla, inwettquh bla biża' sa l-aħħar.

Ġużè Chetcuti

## Imbierek il-Mulej !

Imbierek Int, Mulej, li tgħix minn dejjem,
li ħlaqt fis-sebħ u s-sawwar dak li trid,
Imbierek Int li żżur sa l-iċken ħlejqa,
fik biss kull ħajja, fik id-dawl u l-ġid !

Iberkek kull ma ħlaqt bil-ġmiel li tajtu,
u Lilek b'dak li ttih iroddlok ħajr.
Il-bniedem biss jistagħġeb bid-Driegħ Tiegħek;
il-bqija, bla ma jafu, jroddu ħajr.

Huwa jistagħġeb bla ma jagħrfek sewwa,
u l-kobor tal-għerf Tiegħek jilmaħ f'ħuh.
Hu jaf xi trid, xi swielek w dak li tajtu
għax tajtu x-xbiha Tiegħek, tajtu r-Ruħ !

Pran. Camilleri

## Mill-qasbija tal-Lsien Malti

### 1. *Il-għ bħala radikali f'nofs il kelma.*

Il-*għ* bħala t-tieni radikali fil-kelma ma ttennix leħinha. Għalhekk flok *nagħgħal* ngħidu *niegħel*, flok *wegħgħed* ngħidu *wiegħed*, flok *qagħgħad* ngħidu *qiegħed*. *Bagħgħal*, nom (minn *bagħal*) *tbagħgħal* jitnisslu bil-*għ* imtennija għax hija l-*għ* ħarxa tal-Għarbi.

### 2. *Laqmijiet.*

Xi laqmijiet fil-Malti jissawru biż-żieda tas-suffiss *u* man-nom, li jwieġeb għad-desinenza *y* jew *ie* fl-Ingliż (*lofty, tobbie*) bħal *tabibu, ħadidu, bagħbusu, karusu, balalu, tebutu.*

### 3. *Għar-u-każa għalik.*

Tfisser *għajb* u *tmasħir* (jew *tmaqdir*) *għalik*. Din l-espressjoni hija magħmula mill-kelmiet *għar* (mill-Għarbi *'ar* —għajb) u *każa* (iktarx mill-Għarbi *haż'a* tmasħir, tmaqdir) fejn fil-Malti l-*h* tbiddlet f'*k*. Isem l-għemil *haż'a* (Belot: *moquerie, railerie*, eċċ.) ġej mill-verb *huż'a* (*rieur, moqueur*, eċċ.) *maqdar, iddieħak bi, masħar lil.* Minn *każa* ħareġ innom *każajri*, (*min jiddieħak bi, jmasħar*) u l-verb imnissel tas-VI forma *tkaża*. Eż: *Min jitkaża jaqa' fil-każa.*

### 4. *Ismijiet ta' għodod bla m preformativa.*

Xi ismijiet ta' għodod ta' għerq semitiku ma għandhomx l-*m* preformativa u jidhru bil-forma parteċipjali tal-verbi transitivi *qattâl-a*; *qattiel-a* u l-forma *qattûl* Eż: *karrâba, dusħannieqa, sunnara, barrada, serrieq, barraxa, suffara, dussies, tuqqala, sellum, deffun, deffus, qandul, fettul.*

### 5. *Kostruzzjoni ta' l-Aġġettiv.*

a) Aġġettiv fil-positiv imur wara n-nom jew pronom: *Raġel qawwi, żmien twil, mara godlija, hija għaqlija.*

b) Aġġettiv fis-Superlativ Relativ imur qabel in-nom: *L-aqwa fost ħutu, l-isbaħ żmien, l-itjeb tabakk, l-iżjed bniedem għaqli.* Is-Superlativ Relativ jitqiegħed bħala predikat wara pronom personali fejn warajh hemm miftiehem il-verb *kien* (to be. *copula*). *Jien l-iżjed bikri dal-għodu. Huwa l-aħjar wieħed fost sħabu.*